

LINJI GWIDA

LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-28 ta' Novembru 2013

li temenda l-Linja Gwida BĊE/2008/5 dwar l-immaniġġjar tal-assi barranin ta' riżerva tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali u d-dokumentazzjoni legali għall-operazzjonijiet li jinvolvu dawn l-assi

(BĊE/2013/45)

(2014/114/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-tielet inċiż tal-Artikolu 3.1 u tal-Artikoli 12.1 u 30.6 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 30.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem "l-Istatut tas-SEBĊ"), il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jiġi pprovdut bl-assi ta' riżerva barranija mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (minn hawn 'il quddiem "BĊNi taż-żona tal-euro") u għandu d-dritt sħiħ li jżomm u jimmaniġġja r-riżervi barranin li jiġu ttrasferiti lilu.
- (2) Skont l-Artikoli 9.2 u 12.1 tal-Istatut tas-SEBĊ, il-BĊE jimmaniġġja uħud mill-attivitajiet tiegħu permezz tal-BĊNi taż-żona tal-euro u jirrikorri għand il-BĊNi taż-żona tal-euro sabiex iwettaq uħud mill-operazzjonijiet tiegħu. Bl-istess mod, il-BĊE iqis li l-BĊNi taż-żona tal-euro għandhom jimmaniġġjaw ir-riżervi barranin ittrasferiti lilu bħala l-aġenti tiegħu.
- (3) Il-Linja Gwida BĊE/2008/5 tal-20 ta' Ġunju 2008 dwar l-immaniġġjar tal-assi barranin ta' riżerva tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali u d-dokumentazzjoni legali għall-operazzjonijiet li jinvolvu dawn l-assi tistipula illi kull BĊN taż-żona tal-euro jista': (a) jipparteċipa fl-immaniġġjar operattiv tal-assi ta' riżerva barranija ttrasferiti lill-BĊE; jew (b) jastjeni minn dan l-immaniġġjar jew jaqşam dan l-immaniġġjar ma' BĊNi oħra taż-żona tal-euro. Madankollu, il-Linja Gwida

BĊE/2008/5 ma tgħidx b'mod espliċitu li BĊN taż-żona tal-euro jista' jitlob lill-BĊE jew lil wieħed jew aktar mill-BĊNi taż-żona tal-euro biex jassumi xi kompiti fismu fir-rigward ta' dan l-immaniġġjar.

- (4) Għalhekk, il-Linja Gwida BĊE/2008/5 għandha tiġi emendata f'dan is-sens,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Emenda

L-Artikolu 2(1) tal-Linja Gwida BĊE/2008/5 huwa mibdul b'li ġej:

"1. Kull BĊN taż-żona tal-euro huwa intolat li jipparteċipa fl-immaniġġjar operattiv tal-assi ta' riżerva barranija ttrasferiti lill-BĊE. BĊN taż-żona tal-euro jista' jiddeċiedi li: jastjeni minn dan l-immaniġġjar jew (b) jaqşam dan l-immaniġġjar ma' BĊN wieħed jew aktar taż-żona tal-euro. Jekk BĊN taż-żona tal-euro jiddeċiedi li jastjeni minn dan l-immaniġġjar, il-BĊNi l-oħra taż-żona tal-euro għandhom jimmaniġġjaw l-assi li kieku jkunu mmaniġġjati mill-BĊN taż-żona tal-euro li jastjeni. Għandu jkun ukoll possibbli li ssir talba minn BĊN taż-żona tal-euro lill-BĊE jew lil BĊN ieħor taż-żona tal-euro biex jassumi xi kompiti filwaqt li jżomm kompiti oħrajn relatati mal-immaniġġjar tal-assi ta' riżerva barranija ttrasferiti lill-BĊE. Il-BĊE u l-BĊN rilevanti taż-żona tal-euro huma liberi li jaċċettaw jew li jiċħdu din it-talba."

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din il-Linja Gwida tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-BĊNi taż-żona tal-euro.

*Artikolu 3***Destinatarji**

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-BĊNi taż-żona tal-euro.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-28 ta' Novembru 2013.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI
